MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 47/2012

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**Vs**

**Ricardo Chang**
**ID 28541(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta’ Jannar, 2012 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u erbgha u ghoxrin ewro u dsatax-il centezmu (€524.19) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50984629 moghtija mis-Socjeta’ attrici u dank if ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut , bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tad-19 ta’ Settembru, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tad-19 ta’ Settembru, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ hames mija u erbgha u ghoxrin ewro u dsatax-il centezmu (€524.19) bl-imghax legali sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal- konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------